# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 32**

**Rikors numru 1177/09/1 GM**

**Martin Degabriele u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2021, stante l-mewt ta' Martin Degabriele l-atti ġew trasfużi f'isem Phyllis Degabriele**

**v.**

**Gasan Enterprises Limited (C467)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 2019, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet attriċi kollha bl-ispejjeż kontra l-attur, u dan wara li ħelset lill-

kumpanija mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex sabet li ma kinitx il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni tiegħu;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Ikkunsidrat:-*

***Il-fatti***

*Illi jirriżulta li fil-25 t'April 2008 l-attur xtara fl-Ingilterra vann tat-tip Ford Transit mingħand ċertu Tom Challinor li kien xtrah mingħand Ford Motor Company. Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha kienet il-21 ta' Ġunju 2007. Meta xtrah, il-vann kien għadu taħt garanzija ta' tlett snin, li taqra hekk:*

> *"Your Ford vehicle benefits from a Ford Base Warranty that is operated through Ford Authorized Dealers.*
>
> *If any part of the vehicle requires repair or replacement as a result of a manufacturing defect, the part will be repaired or replaced completely free of charge by any Ford Authorised Dealer, regardless of any change of vehicle ownership during the warranty period".*

*L-attur ħa l-vann diversi drabi għat-tiswija għand is-soċjeta` konvenuta: fis-6 ta' Mejju 2008, fit-2 ta' Ġunju 2008, u fit-3 ta' Diċembru 2008 għal liema tiswijiet ma ħallas xejn billi s-soċjeta` konvenuta aċċettat li kienu jaqgħu taħt il-garanzija. Fid-19 ta' Jannar 2009 reġa' ħa l-vann għat-tiswija iżda din id-darba, is-soċjeta` konvenuta infurmatu li kellha bżonn l-approvazzjoni ta' Ford Motor Company biex jaċċettaw li t-tiswija kienet taqa' taħt il-garanzija;*

*Illi sewwa għamlet is-soċjeta` konvenuta li poġġiet bħala l-ewwel eċċezzjoni n-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae qabel m'għaddiet għat-tieni eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni proċesswali u fl-aħħarnett l-eċċezzjonijiet fil-mertu. Dan għaliex fl-ordni loġiku-ġuridiku, l-eċċezzjonijiet deklinatorji għandhom jiġu mressqin qabel kull eċċezzjoni oħra, għaliex konvenut, qabel ma jġib ir-raġunijiet tiegħu kontra d-domanda, jinħtieġ ikun jaf quddiem liema Qorti jrid iressaqhom. Tant hu hekk li min iressaq id-difiża tiegħu quddiem Qorti mingħajr ma jressaq id-deklinatorja jitqies li ssottometta ruħu għall-kompetenza tagħha;*

*Illi b'danakollu, is-soċjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni tagħha u l-anqas aċċennat għaliha fin-*

*nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħha. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra jkollha tiġi miċħuda;*

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni, s-soċjeta` konvenuta qiegħdha tissottometti li mhix il-litiskonsorzju idoneu kontra t-talba tal-attur. Ingħad mill-Qorti tal-Appell li "Il-prova tal-allegata ineżistenza ta' dan ir-rapport organiku neċessarjament tinkombi fuq is-soċjeta` appellata in kwantu hi din li eċċepietha. Hi kellha taċċerta u tipprova għall-konvinċiment tal-Qorti li ma kellha ebda rabta mal-causa petendi tal-avviż fil-konfront tagħha. Dan hu bil-wisq loġiku ġjaladarba hi proprju s-socjeta` appellata li qegħda tikkontendi li hi ma għandha, u qatt ma kellha, ebda kollegament mas-suġġett mertu tal-kawża u, allura wkoll, mar-riżultat li s-soċjeta` appellanti tispetta li tottjeni bil-provvediment ta' kundanna minnha proposta". Fil-każ preżenti, s-soċjeta` konvenuta ressqet provi konvinċenti in sostenn tat-tieni eċċezzjoni tagħha, kif sejjer jiġi spjegat;*

*Illi jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta la hi (ara dikjarazzjoni ta' Victor Molnar, direttur ta' Ford Central and Eastern Europe), u lanqas qatt kienet (ara affidavit ta' Stefan Deguara) rappreżentant legali ta' Ford Motor Company, US.  Stefan Deguara żied jistqarr li s-soċjeta` konvenuta qatt ma kellha din ir-rappreżentanza fil-passat, imma hija biss importatriċi tal-vetturi tal-marka Ford mingħand il-kumpannija. Ikkontro-eżaminat żied jgħid li hija authorized dealer li tfisser li tista' ġġib prodott ibbrendjat "Ford". Awtorizzata minn Ford Motor Company li tagħmel tiswijiet taħt garanzija tal-valur taħt ċertu ammont; 'il fuq minn dan l-ammont hi obbligata titlob l-awtorizzazzjoni tagħha. Hekk ġara fil-każ tal-attur. Stqarr li f'Malta hi l-"aġent" ossia "dealer" tal-prodott tal-kumpannija Ford. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Julian Borg, manager tas-soċjeta` konvenuta, waqt il-kontro-eżami, li speċifika li s-ceiling ta' xogħol bla awtorizzazzjoni speċifika kien sal-valur ta' elf euro. It-tiswijiet li saru kienu taħt l-elf euro filwaqt li t-tiswija li s-soċjeta` konvenuta rrifjutat li tagħmel, u li huma mertu ta' din il-kawża, kienu ta' 'il fuq minn elf euro;*

*Illi l-attur ħarrek lis-soċjeta` konvenuta personalment. Ma ħarrikhiex fil-kapaċita` tagħha bħala aġent; kieku għamel hekk, fl-okkjo kien inizżel li kien qiegħed iħarrek lis-soċjeta` konvenuta bħala rappreżentant tas-soċjeta` estera Ford Motor Company. Huwa ma xtarax il-vettura in kwistjoni mingħand is-soċjeta` konvenuta u għalhekk din m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu fil-kapaċita` personali tagħha. Anke kieku ħarrikha bħala aġent, l-azzjoni tiegħu ma kinitx tirnexxi għax mhix aġent tas-soċjeta` estera. Lanqas għandha r-rappreżentanza ġuridika tagħha;*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, tilqa' t-tieni waħda, tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta mhix il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi; teħlisha milli tibqa' fil-kawża; konsegwentement tastjeni milli tikkunsidra l-punti l-oħra mqajjma mill-kontendenti u tiċħad*

> *it-talbiet tal-attur. Spejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-attur".*

3. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") appella mill-imsemmija sentenza b'rikors li ressaq fit-30 ta' Jannar, 2019, u li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex *"tħassar tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta appellata, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur appellant*";

4. Il-kumpanija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-kumpanija appellata") laqgħet għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fit-18 ta' Frar, 2019, qalet li s-sentenza appellata hija waħda tajba u jistħoqqilha konferma bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

5. Rat li b'rikors tal-20 ta' Ottubru, 2021, Phyllis Degabriele li tiġi l-armla tal-appellant, talbet lil din il-Qorti sabiex tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isimha, u dan wara l-mewt ta' Martin Degabriele fil-25 ta' Mejju 2021, fil-mori tal-appell;

6. Rat li b'digriet mogħti fis-17 ta' Novembru, 2021, din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Phyllis Degabriele u ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isimha;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

10. B'din l-azzjoni l-appellant qiegħed ifittex lill-kumpanija appellata għad-danni fuq il-premessa li l-konvenuta, bħala kumpanija awtorizzata biex tirrappreżenta l-marka *'Ford'* ġewwa Malta, naqset milli twettaq l-obbligi li joħorġu mill-garanzija li ngħatat mill-fabbrika tal-marka '*Ford'*, u dan fuq il-vettura tiegħu tat-tip *'Ford Transit'* li, fiż-żmien li ġrawlha l-ħsarat fil-magna, kienet għadha taħt dik il-garanzija;

11. L-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkonkludi li l-kumpanija appellata ma kinitx il-leġittimu kontradittur għal din l-azzjoni, u minħabba f'hekk jgħid li l-**aggravju** tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti għaliex kien hemm biżżejjed provi li juru kif il-konvenuta hija tassew il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni tiegħu. Fost l-oħrajn, l-appellant jirreferi għal tliet episodji partikolari li fihom il-konvenuta aċċettat li twettaq bosta tiswijiet fuq il-vann tiegħu u dan fuq is-saħħa tal-garanzija mertu tal-kawża. B'rabta ma' dan,

jargumenta li kieku l-konvenuta ma kinitx tassew il-leġittimu kontradittur, din ma kienet qatt ser twettaq dawk it-tiswijiet bla ħlas, u fid-dawl ta' dan jissottometti li b'dan il-fatt il-konvenuta kienet qiegħda taċċetta li l-garanzija kienet għadha fis-seħħ u torbot lilha wkoll. Jgħid ukoll li ġaladarba l-konvenuta aċċettat li twettaq dawk it-tiswijiet fuq is-saħħa ta' dik il-garanzija, allura dan wassal biex inħolqot relazzjoni ġuridika bejniethom u minħabba f'hekk il-konvenuta kienet qiegħda taċċetta b'mod taċitu li kienet tassew il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet tiegħu;

12. L-appellant jirreferi wkoll għad-dokument tal-garanzija li huwa ressaq waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti u jissottometti li peress li l-vann li xtara ġie rreġistrat għall-ewwel darba fil-21 ta' Ġunju tas-sena 2007, allura dik il-garanzija kienet għadha fis-seħħ anke meta l-vann ġarrab il-ħsarat fil-magna fis-sena 2009. Jissottometti li, skont dik il-garanzija, din kellha tapplika *"regardless of any change of vehicle ownership during the warranty period"*, u għaldaqstant kull argument tal-konvenuta li huwa kellu jħarrek lil Tom Challinor ma kienx siewi. B'rabta ma' dan, jgħid ukoll li tul iż-żmien li fih il-garanzija kienet fis-seħħ, it-tiswijiet kellhom isiru mill-*'Ford Authorised Dealer'*;

13. Dwar il-kundizzjonijiet tal-garanzija u l-argumenti tal-konvenuta li l-garanzija ma kinitx għadha fis-seħħ, l-appellant imbagħad jgħid li l-*'warranty manual'* li tressaq fl-atti mill-kumpanija konvenuta kien jgħodd

biss b'seħħ mill-1 ta' Awwissu, 2012, u għalhekk it-termini u kundizzjonijiet li hemm imniżżla fih m'għandhomx jgħoddu għal dan il-każ li nbeda ferm qabel dik id-data. Fid-dawl ta' dan jgħid li l-appellata ma tista' qatt għalhekk tiddefendi ruħha billi tirreferi għal dawk il-kundizzjonijiet;

14. Fl-aħħar nett, u wara li jibni lista tad-danni li jgħid li ġarrab minħabba l-aġir 'arbitrarju u irresponsabbli' tal-konvenuta, jargumenta li bħala kontradittriċi leġittima l-kumpanija mħarrka appellata għandha tagħmel tajjeb għal dawk id-danni kollha mġarrba minnu, u li fid-dawl ta' dan jgħid li l-Ewwel Qorti kellha għalhekk tilqa' t-talbiet kollha tiegħu;

15. Il-kumpanija appellata tilqa' għal dan kollu billi targumenta li jekk hemm xi relazzjoni bejn il-partijiet, din hija limitata biss għall-kwalità tat-tiswijiet li twettqu minnha fuq il-vann tal-appellant. Tissottometti li t-tiswijiet li l-attur isejjes il-kawża fuqhom, u ċjoè dawk marbutin mal-ħsarat li ġarrbet il-magna tal-vann, m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk it-tiswijiet minuri li hija wettqet fuq il-partijiet l-oħra tal-vann, u għaldaqstant tgħid li m'hemm l-ebda rabta ġuridika bejn il-partijiet. Filwaqt li tgħid li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li biha wera kif hija r-rappreżentanta legali tal-kumpanija *'Ford Motor Company',* tfakkar li hija ressqet provi li bihom uriet kif hija tmexxi biss bħala *'authorised dealer'* tagħha f'Malta, u li m'għandha l-ebda rappreżentanza legali ta' dik il-kumpanija. Dwar it-

tiswijiet, tgħid li filwaqt li hija għandha s-setgħa li taħdem fuq ħsarat li ma jaqbżux l-elf ewro biex issewwihom, hekk kif il-valur tal-ħsarat jaqbeż dan l-ammont, hija tkun trid tikseb l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-*'Ford Motor Company'* sabiex tkun tista' twettaq dawk it-tiswijiet. Tgħid li hekk ġara f'dan il-każ u tispjega li, ladarba l-appellant naqas milli jippreżenta prova tas-*'service history'* tal-vettura, il-kumpanija *'Ford Motor Company'* ma setgħetx tonora l-garanzija tagħha u dan għaliex ma setgħetx tiċċertifika li dik il-vettura ngħatat il-manutenzjoni meħtieġa skont il-kundizzjonijiet tal-istess garanzija;

16. Peress li l-ilment ewlieni tal-appellant huwa dwar li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li l-kumpanija appellata mhijiex il-leġittimu kontradittur, din il-Qorti trid tibda billi tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-kumpanija mħarrka kinitx "*materjalment (u mhux legalment) involut[a] f'dak li jingħad li seħħ fil-premessi tar-rikors promotur*"[1];

17. Minn qari tal-premessi tar-rikors maħluf, jidher li f'dan il-każ, l-appellant qiegħed sewwasew isejjes il-pretensjonijiet tiegħu kontra l-kumpanija konvenuta fuq il-premessa li din hija *"awtorizzata sabiex tirrappreżenta l-marka Ford ġewwa Malta, u għaldaqstant hija*

[1] Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ta' ***Alexander Zammit et. v. Carmel Mifsud et.*** deċiża fit-23 ta' Frar, 2022 (App.Ċiv. 1066/09/1JPG). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta': ***Mohib Abouzidan v. Akram Jrirah,*** deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2022 (App. Ċiv. 909/15/1LSO); ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason Geroge Mintoff et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2022 (App. Ċiv. 29/2020/1); u ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et*** deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2020, (App. Ċiv. 1066/2012/1).

*responsabbli sabiex tonora l-garanzija illi tingħata mill-fabbrika tal-marka Ford, u dan irrispettivament mill-pajjiż minn fejn tkun toriġina l-vettura"*[2];

18. Sabiex isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu, l-appellant jirreferi għad-dokument tal-garanzija li fuqha hija msejsa din il-kawża, u li fih hemm imniżżel testwalment li:

> *"Your Ford vehicle benefits from a Ford Base Warranty **that is operated through Ford Authorized Dealers.***
>
> *If any part of the vehicle requires repair or replacement as a result of a manufacturing defect, the part will be repaired or replaced completely free of charge **by any Ford Authorised Dealer,** regardless of any change of vehicle ownership during the warranty period".*[3] (enfasi miżjuda mill-Qorti);

19. Mill-kontroeżamijiet ta' Julian Borg u Stefan Deguara, ħareġ illi l-kumpanija appellata hija tabilħaqq *'Ford Authorised Dealer'* u dan fit-termini tal-garanzija li dwarha hija mfassla din il-kawża. Kemm hu hekk, filwaqt li dak tal-ewwel, li fiż-żmien ta' meta nqalgħet din it-tilwima kien jokkupa l-kariga ta' '*after-sales manager*' mal-kumpanija konvenuta, qal li *"[a]ħna authorised dealer tal-Ford"*;[4] dak tat-tieni, li huwa l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-kumpanija konvenuta, spjega li l-kumpanija konvenuta hija *'dealer'* awtorizzat li ġġib il-prodotti tal-Ford[5], u li *"[m]eta l-*

---

[2] Estratt meħud mit-tielet premessa tar-rikors maħluf.
[3] Dok MD3, fol. 34.
[4] Fol. 264.
[5] Ara l-kontro-eżami ta' Stefan Deguara, fol. 249.

*Ford ibiegħu prodott u joffru warranty u Ford japprovaw warranty aħna lokalment nagħmlu dawn it-tiswijiet*"[6];

20. Ġie wkoll ippruvat li qabel ma l-konvenuta rrifjutat li twettaq it-tiswijiet li wasslu għal din it-tilwima, kien hemm tliet drabi oħra li fihom l-attur kien ħa l-vann tiegħu għat-tiswija għand il-kumpanija konvenuta, u dan biex issiblu tarf ta' xi ħsarat minuri li kienu nqalgħu lil dak l-istess vann. Hija kienet ħadmet fuq il-vann imsemmi bla ħlas, u dan fuq is-saħħa tal-istess garanzija li dwarha hija din il-kawża;

21. Fl-aħħar u mhux l-inqas, huwa wkoll ċar ħafna għal din l-Qorti li din it-tilwima nibtet wara li l-vann tal-attur żviluppawlu ċertu ħsarat serji fil-magna u l-appellant talab lill-kumpanija appellata biex twettaq dawk it-tiswijiet meħtieġa, bla ħlas, u dan skont il-garanzija tal-fabbrika li dak iż-żmien kienet għadha ma skadietx[7];

22. F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti ma tarax li <u>mad-daqqa t'għajn</u> il-kumpanija appellata ma kinitx materjalment involuta f'dak li dwaru l-appellant qiegħed isejjes il-pretensjonijiet tiegħu kontriha. L-appellant għandu għalhekk raġun sa fejn qed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex teħles lill-kumpanija appellata mill-ħarsien tal-ġudizzju u ma tqishiex bħala kontradittur leġittimu;

---

[6] Id., fol. 252.
[7] Ara l-affidavit tal-appellant, fol. 28, u 'DOK MD11', fol. 47.

23. Fiha nfisha, din il-konklużjoni ma tistax però tissarraf f'konklużjoni definittiva li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli għal dak pretiż mill-appellant. Fil-fatt, ingħad kemm-il darba li d-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun il-kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-Qorti ma tistax, meta tistħarreġ il-kwistjoni fil-mertu, tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-ħtijiet jew pretensjonijiet attribwiti lilha mill-parti attriċi[8];

24. Sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk il-kumpanija appellata għandhiex tassew twieġeb għall-ħtijiet attribwiti lilha mill-appellant, din il-Qorti trid għalhekk bilfors tidħol fil-qalba ta' din it-tiwlima u dan billi tistħarreġ il-pretensjonijiet tal-appellant fil-mertu;

25. Inċidentalment, fir-risposta għall-appell, il-kumpanija appellata ssottomettiet li din il-Qorti *"hija prekluża mill tikkonsidra l-mertu tal-każ, kif donnu qiegħed jistedinha tagħmel l-appellant"*[9]. Tgħid li l-Ewwel Qorti esprimiet ruħha biss dwar l-eċċezzjonijiet preliminari u għalhekk din il-Qorti għandha tillimita ruħha fuq hekk biss sabiex ma ċċaħħadx lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju. Il-Qorti ma taqbilx. F'każijiet

---

[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anthony Gauci v. Modern Circuits Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Ottubru, 2006. (Ċit. Nru. 107/2000/1JRM) (mhux appellata). Ara wkoll: ***Alexander u Sylvia konjugi Zammit v. Carmel Mifsud et.***, deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2022. (App. Ċiv. Nru. 1066/09/1), u ***Adrian Camenzuli v. Mitul Dave et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-23 ta' Settembru, 2022, (Rik. Ġur. 505/2021CFS) (mhux appellata);

[9] Estratt meħud mit-tieni paġna tar-risposta għall-appell tal-kumpanija appellata.

bħal dawn, il-liġi stess, permezz tal-Artikolu 233(2) tal-Kap. 12, tħalliha fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti sabiex: *"jew terġa' tibgħat il-proċess lura fil-qorti tal-ewwel grad jew tiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ, skont iċ-ċirkustanzi"*[10]. Meta tqis li din il-kawża ilha li nbdiet 'il fuq minn tlettax-il sena ilu u li mhux biss inġabru l-provi kollha fil-mertu, iżda wkoll li l-Ewwel Qorti saħansitra daħlet kemxejn fil-mertu tal-kwistjoni u dan fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tas-sentenza appellata, din il-Qorti ma tarax li jkun ġust u xieraq li terġa' tibgħat il-proċess lura lill-Ewwel Qorti, u minflok ser tgħaddi biex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ;

26. Wara li xtarret sewwa dak kollu li hemm imniżżel fid-dokument tal-garanzija in mertu[11], u dan fid-dawl tal-bqija tal-provi li tressqu mill-partijiet, din il-Qorti jidhrilha li l-appellata għandha tassew raġun meta tgħid li hija l-'*Ford Motor Company*' li, fl-aħħar mill-aħħar, kienet responsabbli mill-garanzija in mertu;

27. Għalkemm huwa tassew minnu li fid-dokument tal-garanzija inkwistjoni, hemm imniżżel li "*Your Ford vehicle benefits from a Ford Base Warranty that is operated through Ford Authorised Dealers*" u li, skont din il-garanzija, it-tiswijiet kellhom isiru għand dawn l-istess "*Ford Authorised Dealers*"[12], dawn il-klawsoli, bħal kull klawsola oħra f'kull

[10] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Tabib Prinċipali tal-Gvern v. Christopher Camilleri***, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2002. (App. Ċiv. 208/89/1JSP).
[11] Dok. 'MD3', fol. 33 sa 40.
[12] *Ibid.* fol. 34.

kuntratt ieħor, għandhom jitfissru fil-qafas tal-kontenut sħiħ ta' dak id-dokument[13]. Fil-fatt, minn qari sħiħ ta' dak id-dokument tal-garanzija, jirriżulta li din il-garanzija mhijiex tal-'*Ford Authorised Dealer*' iżda tal-manifattur, li f'dan il-każ hija l-'*Ford*'. Kemm hu hekk, fl-aħħar parti tad-dokument tal-garanzija nsibu mniżżel dan li ġej:

> "*The Ford Base Warranty, Ford Paint Surface Warranty, Ford Perforation Warranty,* ***<u>are Manufacturer's Warranties</u>*** *that supplement and do not affect your legal rights under the vehicle purchase agreement with your selling Ford Authorised Dealer or under applicable national legislation governing the sale of consumer goods"*[14]

28. Filwaqt li l-kliem li tniżżel f'din il-klawsola tal-aħħar huwa ċar biżżejjed u ma tantx iħalli lok għal xi stħajjil jew suppożizzjonijiet dwar x'jista' jfisser[15], mill-provi li tressqu fl-atti jirriżulta wkoll li, fil-prattika, ir-responsabbiltà aħħarija għal din il-garanzija kienet sewwasew taqa' f'ħoġor il-manifattur u ċjoè l-kumpanija '*Ford*';

29. Pereżempju, ix-xhud Fiona Borg Nind, impjegata mal-kumpanija appellata u li bħala parti minn xogħolha tipproċessa l-garanziji tal-vetturi tal-marka '*Ford*', spjegat li qabel ma tibda twettaq ċertu tiswijiet skont il-garanzija inkwistjoni, il-kumpanija appellata, hija f'ċertu ċirkustanzi, marbuta mill-*Ford* li ġġib l-approvazzjoni tal-"*applicable European Direct Market (EDM) warranty office*"[16]. Ċirkustanza partikolari li fiha l-appellata

---

[13] Ara l-Artikolu 1008 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Dok. 'MD3', fol 37.
[15] Ara l-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Ara l-affidavit ta' Fiona Borg Nind, fol. 103 *et seq.*

kellha ġġib l-approvazzjoni minn qabel kienet meta l-valur tat-tiswijiet ikun ser jaqbeż dawk il-limiti ("*set limits*") stabbiliti mill-"*European Direct Market warranty office*". F'dan ir-rigward, Borg Nind spjegat li fi żmien li ġara dan il-każ, is-"*set limits*" tal-kumpanija appellata kienu stabbiliti f'ammont ta' spejjeż li ma jaqbiżx l-elf ewro (€1,000)[17], u biex issaħħaħ dak li kienet qed tgħid, ressqet dokument intitolat "*Proposal for Warranty Terms*", li fost l-oħrajn hemm imniżżel fih hekk:

| | |
|---|---|
| *"Market:* | *MALTA* |
| ***<u>Effective date</u>:*** | ***<u>01.06.2008</u>*** |
| ***...*** | |
| ***Prior Approval Request limit value:*** | ***1 000 €"***[18]; |

30. B'rabta ma' dan ukoll, ix-xhud Fiona Borg Nind kompliet tispjega li f'dan il-każ, it-tiswija fuq il-vettura tal-appellant kienet tqum 'il fuq minn elf ewro, u għalhekk kienet meħtieġa l-approvazzjoni tal-'*Ford Motor Company*' sabiex il-kumpanija appellata setgħet twettaq it-tiswijiet skont il-garanzija[19]. Qalet ukoll li f'dan il-każ, l-appellant naqas milli jipprovdi għas-sodisfazzjon tal-manufattur tal-vann '*Ford Motor Company*' is-'*service protfolio*' tal-vettura li fuqha kien qed jitlob li jsir ix-xogħol taħt il-garanzija, u żiedet li l-appellant naqas ukoll milli jressaq prova li l-vann kien ingħata manutenzjoni skont kif jitolbu l-"*Ford maintenance*

---

[17] *Ibid.* fol. 104.
[18] Estratt meħud mill-*"Proposal for Warranty terms",* fol. 113. L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.
[19] Fol. 104

*schedules*". Fissret ukoll li kien minħabba f'hekk li l-'*Ford Motor Company*' irrifjutat li tawtorizzaha biex twettaq ix-xogħlijiet ta' tiswija fuq il-magna tal-vann tal-appellant taħt il-garanzija[20];

31. Din il-verżjoni ta' Borg Nind ittenniet minn żewġ impjegati oħra tal-kumpanija appellata li huma Stefan Deguara u Julian Borg. Stefan Deguara, li huwa l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-appellata spjega li l-kumpanija appellata tagħmel xi xogħol ta' tiswija għan-nom tal-'*Ford Motor Company*' u dan "*fuq warranties li tkun ħarġet Ford Motor Company stess fuq il-prodotti tagħha*"[21]. Qal ukoll li x-xogħol li l-appellant ippretenda li jsir taħt il-garanzija "*kien jeċċedi l-ammont ta' €1000.00 u għalhekk kien hemm bżonn l-awtorizzazjoni tal-Ford Motor Company (Prior Approval Request), liema awtorizzazzjoni <u>ġiet miċħuda minn Ford Motor Company</u> għaliex Martin Degabriele naqas milli jipprovdi s-service history tal-vettura tiegħu kif kien obbligat li jagħmel a tenur tal-kundizzjonijiet tal-istess Warranty*"[22];

32. Fuq l-istess ħsieb, Julian Borg, impjegat bħala *'after sales manager'* mal-kumpanija appellata, qal li l-garanzija mertu ta' din il-kawża mhijiex maħruġa mill-kumpanija appellata iżda minn '*Ford Motor Company*' u għalhekk hija biss din tal-aħħar li "*tista' tawtorizza dan ix-*

[20] *Ibid.*
[21] Estratt meħud mill-affidavit ta' Stefan Deguara, Fol. 95.
[22] *Ibid.*

*xogħol*"[23]. Borg ikkonferma wkoll il-proċedura li hemm fis-seħħ bejn il-'*Ford*' u l-appellata fis-sens li jekk it-tiswija taħt il-garanzija tkun ser taqbeż in-nefqa ta' elf ewro, allura tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-'*Ford*', li hija magħrufa bħala "*Prior Approval Request (PAR)*"[24]. Filwaqt li jtenni li f'dan il-każ kienet intbagħtet "*Prior Approval Request*" lill-'*Ford*', jispjega li kienu '*Ford*' stess li m'aċċettawx li jkopru t-tiswijiet bil-garanzija tal-ħsarat fil-magna tal-vann tal-appellant[25]. B'rabta ma' dan, Borg ressaq ukoll kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet mir-rappreżentanti tal-kumpanija Ford, u li minnha jidher ċar kif l-appellata tassew bagħtet "*prior approval request*" lill-'*Ford*' sabiex twettaq it-tiswijiet fuq il-vann tal-appellant, u li l-'*Ford*' kitbet lura lill-appellata li: ***"we are not in the position to accept his claim via Ford's warranty"***[26];

33. L-appellant ma ressaq l-ebda prova li biha seħħlu jwaqqa' dak kollu li ntqal mix-xhieda hawn fuq imsemmija. Anzi, uħud mill-provi li ressaq jikkorroboraw il-verżjoni ta' dawk ix-xhieda. Pereżempju, fl-affidavit tiegħu, l-appellant stess qal li hekk kif kien talab lill-appellata sabiex tagħmillu tajjeb għall-ħsarat fil-magna, u dan taħt il-garanzija, din minnufih għarrfitu "*li kellhom jiktbu barra sabiex jaraw jekk tali tiswija kellhiex issir taħt il-garanzija jew le*"[27]. Ressaq ukoll ittra, datata 18 ta' Marzu, 2009, u li fiha hemm imniżżel sewwasew dak li xehdu l-impjegati

[23] Ara l-affidavit ta' Julian Borg, fol. 97.
[24] *Ibid.* fol. 98.
[25] *Ibid.* fol. 99.
[26] Estratt meħud minn 'DOK JB1', fol. 100. Ara wkoll 'DOK JB2' fol. 101.
[27] Ara l-affidavit ta' Martin Degabriele, fol. 28.

tal-appellata, u ċjoè li huma kienu ressqu t-talba tal-appellant għall-awtorizzazzjoni tal-'*Ford*', u li kienet il-'*Ford Motor Company*' li ma kinitx lesta li tawtorizza dawk it-tiswijiet skont il-garanzija[28]. B'żieda ma' dan, ressaq ukoll ittra oħra datata 22 ta' April, 2009, u li fiha hemm ukoll imniżżel li: "*As already communicated to you earlier Ford Motor Company are not accepting to entertain your claim under the warranty conditions*"[29];

34. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu huwa biżżejjed biex tqis li l-appellata rnexxielha xxejjen il-pretensjonijiet tal-appellant u dan billi ppruvat li l-garanzija in mertu kienet taqa' sewwasew fir-responsabbiltà aħħarija tal-kumpanija '*Ford Motor Company*' u mhux tagħha. Li ma kienx hekk, din ma kien ser ikollha l-ebda ħtieġa li tibgħat '*prior approval request*' lill-kumpanija '*Ford*' sabiex tkun tista' twettaq it-tiswijiet mitluba mill-appellant u dan skont il-garanzija in mertu. Jirrizulta wkoll li l-kumpanija appellata għamlet dak li kien mistenni minnha u dan billi għaddiet it-talba tal-appellant lill-'*Ford*'. Sfiq ma' dan, intwera wkoll bi provi tajba li d-deċiżjoni dwar jekk il-ħsarat fil-magna tal-vann tal-appellant kellhomx jissewwew taħt il-garanzija ttieħdet mill-kumpanija '*Ford Motor Company*' u mhux mill-appellata;

35. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha li t-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija appellata, sa fejn tqajmet id-difiża li l-kumpanija responsabbli biex

[28] Ara 'DOK MD11', fol. 47.
[29] Ara. 'DOKMD12', fol.48.

tipprovdi l-garanzija inkwistjoni kienet il-'*Ford Motor Company*' u li minħabba f'hekk l-attur messu ħarrek lilha, hija tajba fil-mertu u għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti mhijiex ser tkun qed tiġi mħassra għalkollox;

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti fiż-żgur ma tistax issib li kumpanija appellata "*naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif naxxenti u inerenti mill-kundizzjonijiet tal-garanzija*", u dan skont kif mitlub mill-appellant fl-ewwel talba tar-rikors maħluf. Naturalment, ġaladarba din it-talba ma tistax tintlaqa', allura jfallu wkoll it-talbiet konsegwenzjali l-oħra, u l-Qorti ser tkun qed tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata sa fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha tal-appellant;

37. Fl-aħħar nett, u sa fejn għandu x'jaqsam ma' dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni fejn il-kumpanija appellata qalet li l-appellant xtara l-vann mingħand Tom Challinor u għalhekk messu ħarrek lilu, il-Qorti taqbel mal-appellant li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-bejjiegħ tiegħu jitħarrek ukoll. Il-pretensjonijiet tal-appellant huma dwar il-garanzija tal-manifattur li hija differenti mill-garanzija għad-difetti moħbija, u għaldaqstant Tom Challinor m'għandu x'jaqsam xejn ma' din il-kwistjoni. Fid-dawl ta' dan, u peress li l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni bla ebda riżervi, din il-Qorti ser tkun qed tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad ukoll dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija appellata, sa fejn issemma Tom Challinor;

**Deċide:**

38. Għal dawn ir-raġunjiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' f'parti l-appell** tal-attur u b'hekk qiegħda tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) **tħassarha** sa fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta għalkollox u ddikjarat li l-kumpanija konvenuta mhijiex il-leġittimu kontradittur u ħelsitha milli tibqa' aktar fil-kawża;

(ii) **tiċħad limitatament it-tieni eċċezzjoni** sa fejn l-Ewwel Qorti sabet li l-konvenuta mhijiex il-leġittimu kontradittur u li l-attur messu ħarrek lil Tom Challinor; u

(iii) **tilqa' limitatament it-tieni eċċezzjoni** tal-kumpanija konvenuta u dan sa fejn l-Ewwel Qorti sabet li l-kumpanija responsabbli biex tipprovdi l-garanzija kienet il-kumpanija '*Ford Motor Company*' u li għalhekk l-attur messu ħarrek lil dik il-kumpanija;

(iv) mill-bqija, **tikkonferma** s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

Fiċ-ċirkustanzi, l-**ispejjeż** kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti jibqgħu hekk kif deċiżi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm